

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/461****tad-19 ta' Marzu 2015****li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-proċess biex tittieħed deċiżjoni konġunta dwar l-applikazzjoni biex jintuża mudell intern ta' grupp skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 231(4) tagħha,

Billi:

- (1) Skambju effiċjenti ta' informazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali konċernati huwa essenzjali għall-provvediment ta' proċess effettiv biex tintlaħaq deċiżjoni konġunta dwar il-mudelli interni ta' grupp.
- (2) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni tal-proċess konsistenti biex tintlaħaq deċiżjoni konġunta, huwa importanti li kull pass jiġi ddefinit sew. Proċess ċar jiffaċilita wkoll l-iskambju tal-informazzjoni, jippromwovi għarfien reċiproku, jiżviluppa relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet superviżorji u jippromwovi superviżjoni effettiva.
- (3) Ippjanar f'waqtu u realistiku għall-proċess ta' deċiżjoni konġunta huwa essenzjali. Kull awtorità superviżorja konċernata għandha tipprovi lis-superviżur tal-grupp bl-informazzjoni rilevanti fil-ħin.
- (4) L-istabbiliment u d-dokumentazzjoni ta' proċessi ċari għall-kontenut u l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni konġunta għandhom jiżguraw li din tkun motivata bis-sħiħ.
- (5) Il-proċess biex tittieħed deċiżjoni konġunta dwar l-applikazzjoni biex jintuża mudell intern ta' grupp għandu jkun konsistenti għad-deċiżjoni konġunta dwar bidliet kbar u għal bidliet fil-politika tal-bdil tal-mudell għall-mudelli interni ta' grupp.
- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (EIOPA) lill-Kummissjoni.
- (7) L-EIOPA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Konċernati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>,
- (8) Sabiex titjieb iċ-ċertezza legali dwar ir-reġim superviżorju matul il-perjodu ta' introduzzjoni progressiva previst fl-Artikolu 308a tad-Direttiva 2009/138/KE, li se jibda fl-1 ta' April 2015, huwa importanti li jiġi żgurat li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun, fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Suġġett u Kamp ta' Applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jispeċifika l-proċeduri li jiġu segwiti mill-awtoritajiet superviżorji sabiex jilhqg deċiżjoni konġunta, imsemmija fl-Artikolu 231(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, dwar l-applikazzjoni għal permess biex jintuża mudell intern ta' grupp biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà tal-grupp konsolidat, kif ukoll ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fil-grupp.

<sup>(1)</sup> ĠUL 335, 17.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

## Artikolu 2

### Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "awtoritajiet superviżorji konċernati" huma l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri kollha fejn ikun hemm l-uffiċċji prinċipali ta' kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni relatata li tkun qed tapplika għall-użu ta' mudell intern ta' grupp biex tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà.

## Artikolu 3

### Il-ftehim dwar il-proċess

1. L-awtoritajiet superviżorji konċernati jaqblu dwar il-proċess biex jilhqg deċiżjoni konġunta u l-mod kif jifformalizzawha, inkluż l-iskeda ta' żmien, l-istadji ewlenin u r-riżultati, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE kif speċifikat aktar fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 <sup>(1)</sup> li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE. Sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jilhqg deċiżjoni konġunta skont l-Artikolu 231(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, kull awtorità superviżorja konċernata tiżgura li l-passi ewlenin u r-riżultati stabbiliti għall-proċess miftiehem jiġu segwiti fil-ħin.
2. Meta jiftiehem dwar il-proċess l-awtoritajiet superviżorji konċernati jqisu kwalunkwe impediment legali jew proċessi interni li jistgħu jirringuohom milli jagħtu l-opinjoni formali tagħhom dwar l-applikazzjoni fiż-żmien speċifikat. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet superviżorji kollha konċernati jinformat lill-oħrajn dwar kwalunkwe impediment legali jew proċess intern li jista' jeżisti fl-awtorità superviżorja rispettiva tagħhom.
3. Malli jkun prattikabbli l-awtoritajiet superviżorji konċernati jipprovdu lill-awtoritajiet l-oħra konċernati bi kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti għad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.
4. Fil-każ li awtorità superviżorja konċernata tqajjem kwistjoni dwar il-proċess, b'mod partikolari meta aktarx li ma jkunx se jintlaħaq kunsens dwar xi deċiżjoni, din tispjega r-raġunijiet għal dan lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra konċernati u tindika jekk għandhiex l-intenzjoni tirreferi l-kwistjoni lill-EIOPA skont l-Artikolu 231(3) tad-Direttiva 2009/138/KE. Is-superviżur tal-grupp jiddiskuti mal-awtoritajiet superviżorji kollha konċernati bl-għan li tinstab soluzzjoni għal din il-kwistjoni. L-awtoritajiet superviżorji jiftiehem dwar perjodu ta' żmien sabiex tinstab soluzzjoni.
5. Jekk ma tinstabx soluzzjoni sodisfaċenti fil-perjodu miftiehem u l-awtorità superviżorja rilevanti tiddeċiedi li tirreferi l-kwistjoni lill-EIOPA, din għandha tagħmel hekk mingħajr dewmien.

## Artikolu 4

### Proposta għal deċiżjoni

1. Qabel ma jagħmlu proposta għal deċiżjoni, l-awtoritajiet superviżorji konċernati jikkonfermaw li l-valutazzjoni tal-applikazzjoni ġiet iffinalizzata u li l-eżitu ta' din il-valutazzjoni jikkostitwixxi l-bażi biex tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.
2. L-awtoritajiet superviżorji l-oħra konċernati jagħtu l-kontribut tagħhom dwar il-proposta għal deċiżjoni lis-superviżur tal-grupp bil-miktub billi jiġbru fil-qosor l-eżitu tal-valutazzjoni li saret.
3. Is-superviżur tal-grupp, bil-kontribut tal-awtoritajiet superviżorji l-oħra konċernati msemmija fil-paragrafu 2, jabbozza proposta għal deċiżjoni bil-miktub, inkluż jekk applikabbli, it-termini u l-kundizzjonijiet li d-deċiżjoni proposta tkun suġġetta għalihom. Din il-proposta tinkludi r-raġunijiet għad-deċiżjoni u, jekk applikabbli għat-termini u l-kundizzjonijiet.
4. Meta jabbozza proposta għal deċiżjoni, is-superviżur tal-grupp jikkunsidra, jekk xieraq, il-fehmiet espressi matul il-valutazzjoni tal-applikazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji l-oħra konċernati fir-rigward tal-adeqgatezza tal-mudell intern tal-grupp biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà tal-grupp konsolidat. Jekk rilevanti, is-superviżur tal-grupp jqis ukoll l-opinjoni tal-awtoritajiet superviżorji l-oħra fil-kulleġġ tas-superviżuri dwar il-mudell intern tal-grupp.
5. Is-superviżur tal-grupp jibgħat il-proposta għal deċiżjoni lill-awtoritajiet superviżorji konċernati u, fejn xieraq, lill-membri u l-parteċipanti l-oħra tal-kulleġġ.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

6. L-awtoritajiet superviżorji l-oħra konċernati jipprovdu bil-miktub lis-superviżur tal-grupp l-opinjoni tagħhom dwar il-proposta għal deċiżjoni, inkluż jekk applikabbli, l-opinjoni tagħhom dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li tkun suġġetta għalihom id-deċiżjoni proposta. Is-superviżur tal-grupp jiġbor flimkien l-opinjoni li jkun irċieva u jipprovdi sinteżi tagħhom lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra konċernati.

7. Is-superviżur tal-grupp jorganizza mill-inqas sessjoni waħda mal-awtoritajiet superviżorji konċernati l-oħra biex jiddiskutu l-proposta għal deċiżjoni u l-opinjoni provduti. Dawn is-sessjonijiet jistgħu jseħħu bħala laqgħa fiżika jew, meta maqbul bejn l-awtoritajiet superviżorji konċernati kollha, permezz ta' mezzi oħra. Id-diskussjoni għandha l-għan li jintlaħaq kunsens dwar deċiżjoni konġunta. Kull awtorità superviżorja konċernata tikkonferma l-fehmiet tagħha jew tibgħat bil-miktub il-fehmiet u r-riżervi finali tagħha lis-superviżur tal-grupp.

#### Artikolu 5

##### Deċiżjoni finali

1. Fil-każ stipulat fl-Artikolu 231(5) tad-Direttiva 2009/138/KE meta tintlaħaq deċiżjoni konġunta, is-superviżur tal-grupp:

- (a) jiddokumenta d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni, u jekk ikun applikabbli, dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li d-deċiżjoni tkun suġġetta għalihom;
- (b) jibgħat id-deċiżjoni finali li l-membri kollha tal-kulleġġ u fejn xieraq lill-parteċipanti, flimkien mal-opinjoni tal-awtoritajiet superviżorji konċernati.

Fil-każ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-ftehim dwar id-deċiżjoni finali jiġi kkonfermat bil-miktub minn rappreżentanti tal-awtoritajiet superviżorji konċernati b'awtorità xierqa biex jimpjenjaw lill-awtoritajiet rispettivi tagħhom.

2. Fil-każ stipulat fl-Artikolu 231(6) tad-Direttiva 2009/138/KE meta ma tintlaħaqx deċiżjoni konġunta, is-superviżur tal-grupp:

- (a) jiddokumenta d-deċiżjoni finali tiegħu;
- (b) jiddokumenta l-fehmiet u r-riżervi msemmija fl-Artikolu 4(7);
- (c) meta s-superviżur tal-grupp jipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji konċernati b'dokument li jstabilixxi d-deċiżjoni tiegħu skont l-Artikolu 231(6) tad-Direttiva 2009/138/KE huwa jiddikjara l-opinjoni u r-riżervi tal-awtoritajiet superviżorji konċernati rilevanti u jekk applikabbli għalfejn iddevja minn dawn l-opinjoni;
- (d) jibgħat id-deċiżjoni finali lil bqija tal-membri tal-kulleġġ u fejn xieraq lill-parteċipanti, flimkien mal-opinjoni u r-riżervi tal-awtoritajiet superviżorji konċernati.

#### Artikolu 6

##### Notifikazzjoni tad-deċiżjoni

1. Meta tittieħed deċiżjoni finali, is-superviżur tal-grupp jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni mingħajr dewmien.
2. F'każ ta' permess biex jintuża mudell intern tal-grupp, fid-deċiżjoni is-superviżur tal-grupp jinkludi:
  - (a) jekk id-deċiżjoni kinitx deċiżjoni konġunta skont l-Artikolu 231(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jew ittidix mis-superviżur tal-grupp skont l-Artikolu 231(6) tad-Direttiva 2009/138/KE;
  - (b) ir-raġunijiet għad-deċiżjoni;
  - (c) l-ismijiet tal-impriżi relatati inklużi fl-ambitu tal-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà tal-grupp;
  - (d) l-ismijiet tal-impriżi relatati li għandhom il-permess jużaw il-mudell intern tal-grupp biex jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà tagħhom;
  - (e) jekk rilevanti, ir-riskji u l-unitajiet tal-operat prinċipali fl-ambitu ta' mudell intern parzjali;
  - (f) id-data minn meta r-rekwiżiti kapitali ta' solvibbiltà elenkati fil-punti (c) u (d) jibdeu jiġu kkalkulati bil-mudell intern ta' grupp;

- (g) jekk rilevanti, it-termini u l-kundizzjonijiet li għalihom ikun suġġett il-permess biex jintuża mudell intern għall-grupp u r-raġunijiet għal dawn it-termini u l-kundizzjonijiet;
- (h) jekk rilevanti, rekwiżit li l-imprezza tiżviluppa u tipprovdi pjan biex testendi l-ambitu tal-mudell intern, inkluż deskrizzjoni u l-perjodu ta' żmien tal-pjan;
- (i) jekk rilevanti t-teknika ta' integrazzjoni approvata biex tintuża biex il-mudell intern parzjali jiġi integrat fil-formola standard tar-rekwiżit kapitali tas-solvibbiltà.

3. Fil-każ li jiġi rrifjutat li jintuża l-mudell intern tal-grupp, fid-deċiżjoni, is-superviżur tal-grupp jinkludi deskrizzjoni qasira tal-partijiet jew l-aspetti tal-mudell intern li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti biex jintuża mudell intern tal-grupp, kif ukoll ir-referenza preċiża tar-rekwiżiti li ma jkunx hemm konformità magħhom. In-notifika tgħid ukoll li r-rifjut ma jimplikax li ġie vvalutat li hemm konformità ma' rekwiżiti oħra.

#### *Artikolu 7*

#### **Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER